

I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/1108

tal-20 ta' Lulju 2020

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2454 f'dak li jirrigwarda d-dati tal-applikazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 ⁽³⁾ jistabbilixxi r-regoli dwar l-iskambju u l-ħżin ta' informazzjoni mill-Istati Membri sabiex jiġu stabbiliti l-iskemi speċjali previsti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ⁽⁴⁾.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2454 ⁽⁵⁾ jemenda dawk id-dispożizzjonijiet biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-iskemi speċjali u jintroduċi skema ġdida. Dawk l-emendi jridu jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021.
- (3) Fit-30 ta' Jannar 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala emerġenza tas-saħħa pubblika ta' tħassib internazzjonali. Fil-11 ta' Marzu 2020, id-WHO ddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala pandemija. Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat lill-Istati Membri kollha. Minħabba ż-żieda allarmanti fl-għadd ta' każijiet u n-nuqqas ta' disponibbiltà immedjata ta' mezzi effiċjenti biex jitrattaw il-pandemija tal-COVID-19, bosta Stati Membri ddikjaraw stat ta' emerġenza nazzjonali.
- (4) Il-pandemija tal-COVID-19 tikkostitwixxi emerġenza mhux mistennija u bla preċedent li taffettwa ħafna lill-Istati Membri kollha u ġġegħelhom jieħdu azzjoni minnufih fil-livell nazzjonali biex jindirizzaw il-kriżi attwali bħala prijorità billi jirriallokaw ir-riżorsi riżervati għal kwistjonijiet oħra. Bħala riżultat ta' din il-kriżi, diversi Stati Membri qed jiffaċċaw diffikultajiet biex jiffinalizzaw l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT li huma meħtieġa għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2454 mill-1 ta' Jannar 2021. Għalhekk, għadd ta' Stati Membri talbu l-posponiment tad-dati tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2454.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-10 ta' Lulju 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Opinjoni tal-10 ta' Ġunju 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2454 tal-5 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 1).

- (5) Meta wieħed iqis l-isfidi li qegħdin jiffaċċaw l-Istati Membri biex jindirizzaw il-kriżi tal-COVID-19 u l-fatt li d-dispożizzjonijiet il-ġodda huma bbażati fuq il-prinċipju li l-Istati Membri kollha jridu jaġġornaw is-sistemi tagħhom tal-IT biex ikunu jistgħu japplikaw ir-Regolament (UE) 2017/2454, u jiżguraw il-ġbir u t-trażmissjoni tal-informazzjoni u l-pagamenti skont l-iskemi modifikati, huwa neċessarju li d-dati tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament jiġu posposti b'sitt xhur. Posponiment ta' sitt xhur huwa xieraq, billi jenħtieġ li d-dewmien jinżamm qasir kemm jista' jkun sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun aktar telf mill-baġits għall-Istati Membri.
- (6) Minħabba l-impatt sinifikanti tat-tfixkil ekonomiku u d-diffikultajiet addizzjonali possibbli li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19 u sabiex tiġi appoġġata l-applikazzjoni korretta u f'waqtha tar-regoli l-ġodda tal-VAT għall-kummerċ elettroniku, il-Kummissjoni tista' taħdem mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati biex tissorvelja l-adattament tas-sistemi nazzjonali tal-IT u biex tipprovdi assistenza teknika kull meta jkun hemm bżonn.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/2454 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2017/2454 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, il-punt (7) huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-punt (a), l-intestatura tat-Taqsima 2 hija sostitwita b'dan li ġej:
“Dispożizzjonijiet applikabbli mill-1 ta' Jannar 2015 sat-30 ta' Ġunju 2021”;
 - (b) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:
 - (i) l-intestatura tat-Taqsima 3 hija sostitwita b'dan li ġej:
“Dispożizzjonijiet applikabbli mill-1 ta' Lulju 2021”;
 - (ii) l-Artikolu 47a huwa sostitwit b'dan li ġej:
“Artikolu 47a
Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2021.”;
- (2) fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
“Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH